MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 194/2002/1

**EuroBridge Shipping Services Ltd**

**Vs**

**Mario Grech**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm499.98 (erba` mija u disgha u disghin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti ta' servizzi rezi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Ammont dovut mill-konvenut ghal shipping services lis-socjeta` atrici pprovdiet fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talba tas-socjeta` attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma ghandu jaghti xejn u dan ukoll ghaliex il-hlas dejjem sar mal-konsenja.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi s-socjeta' attrici qed titlob fil-konfront tal-konvenut differenza fl-ammont tal-kont li kienet batet erroneament lilu. Dana biex hallsu mill-ewwel peress li ma kienx ikun jista jirtira x-xoghol mid-Dwana.

Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tas-sena ai termini tal-Art 544 (a) tal-Kap 13. pero' jirrizulta li dan japplika biss ghal hlas ta` nol minn meta jispicca t-tragitt. Kif spjega David Abela, l-ammont mitlub jirraprezenta il-kaz in dezamina. Relattivament ghal meritu tat-talba attrici 'ex admissis' il-kont inhadem hazin u pproceduri gjudizzjarjament aktar min tlett (3) snin wara.

Illi l-konvenut huwa gjustifikat meta jallega li huwa hadem il-prezzijiet ghal bejgh tal-merkanzija. Gab il-merkanzija biex ibiegha u jaghmel profitt minnha. Ma tistax tippretendi s-socjeta' attrici li minhabba tort imputabbli sofament lilha, ghandhu jbati l-konvenut. Li kieku l-aggustament sar ' tempo vergine', allura kienet tkun haga ohra. Ghal dan l-agir ghandha tirrispondi unikament hi.

Jiddeciedi billi jichad, l-eccezjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni, jilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------